# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 398/2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Dorothy Refalo**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Dorothy Refalo, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 2872G quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Jannar 2016 u fil-gimghat ta' qabel:

1. Kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 10 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6

Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kientex bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinetx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall- użu esklussiv tagħha.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Jannar u fis-sena ta' qabel

2. Kellha fil-pussess tagħha id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienetx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinetx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Talli saret reċidiva b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta'

Malta preseduta mill-Maġistrat Dr N Camilleri LLd nhar il-29 ta' Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-akkużata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2018, li biha sabet lill-imputata ħajta tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha, u kkundannataha għal peina ta' **sittax (16)-il xahar priġunerija <u>effettiva</u>** u **multa ta' elf Euro (€1,000)** b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas fi żmien sitt (6) xhur minn dak il-jum, il-multa tkun konvertita fi priġuenrija skont il-liġi;

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap, 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' mija u tliema u ħamsin Euro u erbgħin ċenteżmu (**€154.40**) u għandhom jiħallsu minnha fi żmien xahar minn dak il-jum;

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarjiet relatati mad-droga, esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jkun nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax –il jum minn tali distruzzjoni;

Il-Qorti gabet ghall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Ħabs illi

l-ħatja għandha tingħata l-għajnuna u l-kura kollha li għandha bżonn sabiex tirrijabilita ruħha mill-vizzju tad-droga, inkluż billi tingħata l-opportunita' li ssegwi programm għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur Ġenerali tal-Ħabs;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dorothy Refalo, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2018, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja ta' pusess sempliċi fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni, filwaqt li **thassarha** u tirrevoaka fil-parti fejn sabet li l-pussess kien aggravat fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll **thassaraha** u tirrevokaha fejn sabitha ħatja tal-addebitu tar-reċidiva u konsegwentament **tirriformaha** fil-parti tal-piena billi timponi piena ekwa u ġusta fil-każ odjern jew alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza appellata bl-aggravju tal-apprezzament zbaljat tal-provi dwar l-ewwel imputazzjoni u

dwar l-addebitu tar-recidiva [erronjament indikata bhala imputazzjoni] u aggravju dwar il-piena erogata;

2. Fl-ewwel gravam, l-appellanta tikritika b'mod estensiv l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti bil-premessi li l-ammont ta' droga in kwistjoni, c-cirkostanzi li fihom instabet, l-fatt li l-appellanta hija serjament dipendenti fuq id-droga u n-nuqqas ta' cirkostanzi komunement assocjati ma' din it-tip ta' imputazzjonji, qatt ma setghu iwasslu ghal-sejbien ta' htija ta' pussess aggravat [*recte*: pussess bl-aggravanti li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha];

3. L-ewwel kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti naturalment tindirizza l-funzjoni taghha bhala Qorti revizorja meta si tratta ta' gravam dwar l-apprezzament tal-provi. Intqal wisq drabi illi fil-kompetenza revizorja taghha muhiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi il-kaz mill-gdid. Dak li din il-Qorti hi tenuta li taghmel hu li tezamina bir-reqqa dawk il-provi kollha migjuba quddiem l-ewwel Qorti u tara jekk dik il-Qorti setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha sew legalment kif ukoll b'mod ragjonat. Intqal ukoll kostatement minn din il-Qorti li d-decizzjoni tal-ewwel Qorti ma ghandhiex tkun rimpjazzata bid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell jekk l-ewwel decide kien wiehed ragjonevoli, *safe and satisfactory.* Issegwi ghalhekk rassenja tal-provi u mressqa ghall-ezami akkurat taghhom;

4. Minn din l-analiżi rriżulta is-segwenti. Bid-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Malcolm Bondin, qal li fit-18 ta' Jannar 2016, il-Pulizija kienu fil-pussess ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputata peress illi kienet ilha tircievi rapport ta' allegat traffikar ta' droga mill-istess imputata. X'hin rawha fil-vettura taghha fl-akkwati tar-Rabat, Ghawdex, filwaqt li harget mill-vettura marru biex jintercettawha u appena ndunat bihom

remiet tliet iqratas suspettati li kellhom id-droga erojina.  Fuqha kellha s-somma ta' Euro 215 u mobile Samsung ġdid;

5. Mid-deposizzjoni tal-ufficcjali tal-Pulizija li wettqu t-tfittxija, jirrizulta illi wara li fir-residenza tal-imputata ma nstab xejn relatat mad-droga, accedew fi proprjeta' ohra li tappartjeni liz-zija taghha u minkejja li l-imputata qaltilhom li ma kellhiex access ghaliha,  qabblu c-cwievet li kellha fuqha u irrizultat cavetta li kienet tiftah il-bieb u f'bicca ghamara f'kamra sabu borza tal-ikel tal-qtates li fiha kien hemm ukoll borza ohra b'sustanza kannella u mizien;

6. Ezami minn espert forensiku mahtur mill-Qorti wera li t-tlett iqratas kienu droga eroina b'piz ta' 0.30g, 0.34g u 0.32 g filwaqt illi s-sustanza f'borza ohra kienet ukoll eroina b'piz ta' 50.20g u lkoll b'purita' ta' 15% kollox fil-valur ta' €2,455.68. Ma nstabet ebda tracca ta' droga fuq il-mizien;

7. L-imputata rrilaxxjat stqarrija u ma avvanzat ebda kontestatzzjoni dwarha.  Qalet li d-droga li kellha kienet intiża għall-użu tagħha għax għandha l-vizzju tad-droga. Kienet ilha xi għoxrin sena tieħu d-droga, spjegat kif origina dan il-vizzju  u kienet tieħu madwar erba' grammi kull jum għaliex wara li ma kienitx ghadha ssib vini tajbin dawn l-ahhar snin bdiet "tissniffja" u b'hekk tehli hafna. Meta kienet intercettata mill-Pulizija kienet sejra tiehu te u kellha dawk it-tlett pakketti fuqha biex meta matul il-gurnata jaqbadha l-aptit kemm taqbad u tiehu u meta tqum tlesti tlieta jew erba pakketti;

8. Wara li fl-istqarrija taghha l-imputata kkonfermat illi dawk it-tlett pakketti kienu taghha, qalet ukoll illi kienet taf bil-borza eroina u fil-fatt kienet tidher.  Dak l-ammont xtratu minn Malta ghaliex sabet tixtri b'irhas minn Ghawdex:  "Mistoqsija:

*Ghaliex kellek dak l-ammont kollu fil-pussess tieghek fir-rigward tal-borza li sibna fir-residenza tieghek li tizen madwar 50 gramma?* Twegiba: *Jien minn Ghawdex il-prezz jigini gieli 60 jew anke 70 euro il-gramma dan l-ahhar ghax qabel kienet gholja iktar u meta nixtri minn Ghawdex ma kontx nixtri daqshekk imma minn 5 sa 10 grammi l-iktar ghax kont immur x'hin irrid mhux bhal Malta. Li gara sirt naf xi Maltin u tghawwili bi prezz irhas ta' 30 euro il-gramma u la kelli l-flus fil-but xtrajt din il-kwantita biex ninzel darba fix-xahar bejn wiehed u iehor u ma noqghodx tiela u niezla"*;

9. Dwar il-mizien qalet li dan jappartjeni lil zijitha li tuzah biex tizen il-helu u li jista' jkun li f'xi zmien [l-imputata] uzatu biex tizen l-eroina li tkun xtrat. Iz-zija ukoll kellha c-cwievet ta' dan il-fond izda f'dawk il-jumejn uzatu l-imputata l-aktar ghaliex dan qed jaqa' biccijet u la fih dawl u anqas ilma. Fl-istqarrija, l-imputata cahdet li tbigh id-droga, dejjem hadmet u mghadhiex problema ta' flus. Mistoqsija tispjega ghalfejn kienu qed jidhlu rapporti li kienet qed titraffika fid-droga wiegbet illi ma baqghetx tixtri minghand min kienet tixtri Ghawdex u ghalhekk qed jaghmlilha l-hsara ghaliex hi tuza biss filwaqt li hu "dealer";

10. PC1348 Joseph Campbell xehed li kien esegwixxa tfittxija f'Sannat. Għall-ewwel l-appellanti qalet li ma kellhiex aċċess għar-residenza. Imma mbagħad qabblu ċ-ċwievet li kellha hi stess fuqha u fetħu l-bieb. Spjega kif nstabu l-erojina u l-miżien.

11. Xehed ukoll Ashley Cumbo mill-Aġenzija Sedqa dwar id-dipendenza taghha fuq id-droga li qal li kien għamel diversi sessjonijiet mal-appellanti minn Ottubru tas-sena 2017. Il-kuntatt miegħu dejjem baqa' għaddej izda li l-pjan li ħejjew kellu jieqaf peress li kellha tieħu ħsieb qarib tagħha. Hija

kienet determinata biex toħroġ mill-vizzju u tattendi d-detox t'Għawdex. Iżda ma kienx jista' jgħid jekk għadhiex tieħu d-droga jew le;

12. Christie Catania xehedet illi l-każ kien referut lilha minn social worker u l-kuntatt kien minimu u għall-appuntamenti l-appellanti kienet attendiet ftit. Kellu jsir pjan u imbagħad timxi għal programm tal-Komunita' Santa Marija. Kienet taf li hemm problema bid-droga. Dr Moses Camilleri mill-Aġenzija Sedqa, qal li l-appellanti kienet marret titlob l-għajnuna biex tirċievi servizz fl-Isptar Ġenerali t' Għawdex. Beda jara lill-appellanti f'Novembru tas-sena 2016 u l-problema dehret serja meta nstab li ma kienx biżżejjed li tieħu l-mediċina għax kien hemm ħtieġa li tagħmel programm residenzjali. Kellu jieqaf kollox minħabba problema li ssemmiet qabel u imbagħad il-kuntatt waqaf. Fil-preżent hija kienet għadha tieħu l-metadone;

Ikkunsidrat:

13. Il-Qorti ezaminat akkuratament dawn il-provi fl-ambitu sia tas-sentenza tal-ewwel Qorti kif ukoll tal-argumenti kollha mressqa fil-gravam tal-appellanti inkluz ukoll ir-rassenja annotata ta' decizjonijiet fl-istess rikors tal-appell liena rassenja mill-abbli difensur tal-appellanta ghandu minn kompendju ta' sentenzi in materja. Minn qari tas-sentenzi hemm riportati, l-aktar aspett importanti li jinsorgi hu dak li kull kaz huwa differenti minn iehor u jehtieg li jkun deciz fuq il-merti tieghu nniffsu. Dak li kien ta' relevanza ghal-sejbien mod jew iehor f'kawza, mhux necessarjament huwa relevanti f'kawzi ohra, inkluz din, fejn il-kwantita, kwalita u piz tad-droga misjuba f'kawza ma ghandhiex tkun ir-riga li ghandha tintuza f'kawza ohra. Il-varjanzi huma kbar wisq biex isir hekk. Kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz, kemm

bniedem jikkonsma droga, l-mod kif tinsab id-droga, l-istat ta' pakkeggjar taghha, boroz, mizien u tant u tant hwejjeg ohra li xi drabi jistghu jammotaw ghall-tnejn jew tlieta u drabi ohra ghall-aktar u xorta wahda jirrizulta pussess minghajr l-aggravanti jew vice-versa;

14. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza 'Il-Pulizija vs Jason Mallia' – App. Krim tat-2 ta' Settembru 1999, citata sia mill-ewwel Qorti kif ukoll mill-appellanta:

'*Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li* ***mhux korrett*** *li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhix meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li liġi tirrikjedi hu li jiġu ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċent morali 'li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' Fi kliem ieħor. Jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.'*

15. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-App fl-ismijiet Kriminali 'Il-Pulizija vs Jeffrey Sammut' tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Settembru, 2005 dwar l-apprezzament akkurat tal-provi:

'*F'dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tgħid li meta l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-liġi li kien ġie ppruvat li l-pussess ma kienx wieħed għall-użu esklussiv tiegħu. Umbaghad qalet ukoll li, wara*

*li eżaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellant għal dawk iċ-ċirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tgħidu kif qalitu w ma hemm ebda spropożitu legali jew inversjoni tal-prova la espliċita w lanqas impliċita f' dak li qalet.'*

16. Issa, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti wasslet ghall-konkluzzjoni taghha b'mod raggjonat, anzi raggjonat hafna wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha u ghamlet dawk l-inferenzi li legalment setghet taghmel mic-cirkostanzi kollha. Dak li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kienet sitwazzjoni fejn persuna, osservata mill-pulizija, tohrog mill-vettura taghha, tarmi tlett pakketti (sachettes) ta' droga li tghid li kienet iggorr maghha ghall-konvenjenza. Wara search f'proprjeta' li ghall-ewwel tinnega li kellha access ghaliha izda kellha cwievet taghha, tinsab borza droga f'ammont ferm akbar ta' 50 gramma flimkien ma' mizien li l-appellanta tghid li iz-zija taghha tuzah biex tizen il-helu. Hadd ma jaf x'taghmel iz-zija hlief li apparentement trid min idur biha. Id-droga sia fil-pakketti kif ukoll f'dik fil-borza misjuba fil-proprjeta huma tal-istess purita' u l-imputata tikkoncedi li kienet taghha ukoll. Fl-istqarrija tghid li f'hajjitha ddur biz-zija taghha u tinzel tghinha fil-hanut ukoll. Fl-istess waqt tghid illi tuza 4 grammi eroina kulljum u li ma kellha ebda dejn fuq id-droga. Id-droga misjuba fil-pakketti ghandhom piz kwazi identiku b'varjanza ta' 0.02 sa 0.04g meta tghid li xi kulltant tuza l-mizien biex tizen id-droga li tixtri u fl-istess waqt li ta' kull filghodu thejji tliet jew erba pakketti [b'daqstant precizzjoni fil-kejl, tazzarda zzid din il-Qorti];

17. Kontra dawn ic-cirkostanzi hemm id-dikjarazzjoni tal-imputata fl-istqarrija taghha kif ukoll id-deposizzjoni tax-xhieda li hija aflitta minn problema ta' droga. L-imputata cahdet li

kienet tbigh droga u sahqet illi dak misjuba kien ghall-uzu personali taghha;

18. Din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fil-konsiderazzjonijiet u konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li qadet ferm attenta li ma tkunx gwidata biss mill-ammont ta' droga misjuba izda tac-cirkostanzi kollha li jiccirkondaw din is-sejba meta rriteniet illi "*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita' jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma c-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista ssir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita' jew kwantita' ta' droga involuta*";

19. Inoltre l-ewwel Qorti korrettament allontant ruhha mill-aspett xjenti tal-ispacc ta' droga meta rriteniet "*Huwa car ghalhek illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-animus fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinsab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kienx intiz ghall uzu esklussiv tieghu*". Hija ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti li ma ssib xejn skorrett mir-ragunament tal-ewwel Qorti u li ghalhekk setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed ikun michud;

20. It-tieni parti tal-ewwel aggravju huwa dwar l-apprezzament zbaljat tal-Qorti fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva. Frankament kien ikun ahjar indirizzat dan l-aggravju bhala wiehed ta' nuqqas ta' prova dwar l-addebitu. Din il-Qorti mghandhiex ghafejn tinoltra f'diskussjoni dwar dan ghajr li mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova ta' recidiva li fis-semplicita' taghha kellha tkun fil-forma ta' kopja formali jew ufficjali tas-sentenza precedenti u fil-parentesi taz-zmien kontra l-imputata indikata fic-citazzjoni biex tissodisfa dak

ipotizzat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun milqugh;

28. It-tieni gravam jirrigward l-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-kritika li hi wahda eccessiva, esagerata u sproporzjonata. Apparti dan, l-appellanta tezalta l-aspett riformattiv tal-piena bhala bazi ghall-dan l-aggravju. Il-Qorti qrat b'attenzjoni l-argumenti mressqa mill-appellanta izda ttenni tghid illi l-paraguni huma odjuzi u li kull kaz irid ikun deciz fuq il-fatti specie tieghu. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun inqas minn dik fil-fatt kominata. L-appellanta torbot l-argumenti taghha ma' dak li skond hi kien apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti fis-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni. Dan il-punt, izda huwa gia deciz u ghalhekk l-argument ma jistghax jkun ezaminat oltre. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ser tipprovdi ghall-varjazzjoni fil-piena la darba l-aggravju dwar l-addebitu huwa akkolt;

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju. Tqis illi it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u konsegwentement qed **tirriforma** s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

**Tikkonferma** s-sentenza appellata kwantu sabet htija fl-appellanta tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni;

**Thassarha** kwantu l-ewwel Qorti rrizultalha l-addebitu tar-recidiva u ghalhekk tiddikjara lill-appellant mhix recidiva fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9;

**Thassarha** kwantu kkundannat lill-appellanta ghal-piena ta' prigunerija ghal sittax-il xahar u multa ta' elf euro (€1,000.00) u minflok tikkundannaha ghal piena ta' prigunerija ta' disa (9) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' disa mitt euro (€900.00) pagabbli

fi zmien sitt (6) xhur mil-lum altrimenti konvertiti fi prigunerija skond il-ligi.

**Tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha kkundannat lill-hatja ghal hlas tal-ispejjez tal-esperti fl-ammont ta' €153.40 fit termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 pagabbli, issa, fi zmien xahar (1) mil-lum.

Il-Qorti tabraccja r-rakomandazzjoni maghmulha mill-ewwel Qorti lid-Direttur Ġenerali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li l-ħatja tingħata l-kura u l-għajnuna kollha li għandha bżonn sabiex tirriabilita ruħha mill-vizzju tad-droga, inkluż billi tingħata l-oppotunita' li ssegwi programm għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga;

Finalment tordna d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebiti sakemm fi hmistax-il jum mill-lum l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota li ghandu bzonn li l-esebiti jkunu prezervati minhabba xi proceduri konnessi ma' dan il-kaz. Id-distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jkun inserit fl-atti fi zmien jumejn wara li jghaddi t-terminu koncess lill-Avukat Generali.

(ft) Giovanni Grixti
Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur